MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 19/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**George Pace**
***... omissis ...***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-2 ta' Marzu 2007 kontra l-imsemmi George Pace li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli, flimkien ma' Carmelo Sant: (1) ikkommettew omicidju

volontarju, u cioe` dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt; (2) fil-hin li ghamlu delitt volontarju kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu; (3) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom, jew kellhom f'idejhom jew fuqhom, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi George Pace mhux hati ta' l-Ewwel u tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza bhala awtur izda bhala komplici u unanimament ma sabuhx hati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjarat lill-istess George Pace:

1. hati talli fit-8 ta'April 1989, l-Ahrax tal-Mellieha, kien komplici fl-omicidju ta' Nazzareno Ebejer izda mhux bhala awtur tal-istess omicidju u dana fir-rigward ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza;
2. hati talli fit-8 ta'April 1989, l-Ahrax tal-Mellieha, fil-hin li sar delitt volontarju kontra l-persuna, kien komplici ma' persuna ohra li kellha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu, u dana fir-rigward tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza;
3. mhux hati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza u minnu lliberatu;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 23, 42, 43, 492(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 3(1A) [illum l-artikolu 5(1) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] u l-artikolu 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) ikkundannat lill-hati George Pace ghall-piena komplessiva ta' tletin (30) sena prigunerija, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€681.34c) u cioe` terz is-somma totali ta' elfejn u erbgha

u erbghin euro u tliet centezmi (€2044.03c), rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Inoltre ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Jose` Herrera, li jinsabu kollha registrati w cioe`:**

**1. mill-fedina penali tal-hati mhix daqshekk gravi;**
**2. li l-hati huwa ta' eta` avvanzata;**
**3. li l-verdett tal-gurija ma kienx wiehed unanimu;**
**4. li l-hati m'ghandux jigi penalizzat ghax ma ammettiex;**
**5. li l-investigazzjonijiet fil-konfront tal-hati w tal-persuni l-ohra setghu jinbdew biss minhabba l-kooperazzjoni li hu ta fil-bidu lill-investigaturi w li kieku l-hati ma tax dik l-informazzjoni ma kinux setghu jittiehdu passi kontra hadd;**
**6. illi ladarba l-awtur tal-omicidju inghata piena ta' tletin sena prigunerija w ladarba l-involviment tal-hati kien anqas gravi minn dak tal-awtur, il-hati ma kellux jinghata piena aktar gravi mill-awtur anzi l-piena tieghu ghandha tkun aktar miti u certament mhix wahda ta' prigunerija ghal ghomru.**

**"Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja, li tinsab registrata w cioe`:- li huwa kien qed jassocja mal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fis-sentenza kontra Carmelo Sant hlief ghall-dawk il-konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-ammissjoni tal-hati billi ma japplikawx ghal dan il-kaz.**

**“Ikkonsidrat:**

**“Illi dan kien delitt fahxi fejn giet traduta l-fiducja li Nazzareno Ebejer kellu fil-qattiela tieghu li suppost kienu hbieb tieghu w li maghhom kien iqatta’ hin gmielu jmur jitkellem maghhom fl-istazzjon tal-ferrovija l-antik ta’ Birkirkara. Wara li bi tradiment suppost ittiehed harga bil-karozza tal-akkuzat biex jieklu xi hobza l-Armier, il-vittma gie indott biex imur go kamra rurali f’xifer irdum fl-Ahrax tal-Mellieha fejn gew sparati lejh zewg tiri ta’ senter minn distanza ravvicinata w cioe` *“point blank range”* liema tiri ikkagunawlu l-mewt. Wara t-tliet persuni involuti fittxewlu fuq persuntu ghal xi flus li suppost kien igorr fuqu, x’hin ghamlu li kellhom jaghmlu, telquh hemm f’ghadira demm.**

**“Qieset li mill-fedina penali aggornata tal-akkuzat jirrizulta li George Pace kien instab hati mill-Qrati fi tliet sentenzi: f’okkazzjoni minnhom li kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq persuna w ksur tal-buon ordni, darb’ohra ta’ vjolazzjoni ta’ domicilju w tentattiv ta’ ferita gravi w ta’ offiza lievi fuq persuna w darb’ ohra ta’ sewqan traskurat.**

**“Qieset illi skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, il-komplici f’delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur u skond l-artikolu 492(2) tal-istess Kodici l-qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax-il (12) sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor – kif inhu f’dan il-kaz – il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi.**

**“Wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet id-difiza, din il-Qorti tqis li mhux il-kaz li tissentenzja lill-hati ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru izda, stante l-gravita` w il-brutalita` li bih ir-reat gie kommess kif fuq inghad, tqis li l-piena ghandha tkun wahda li tirrifletti c-cirkostanzi li akkompanjaw dan l-omicidju.”**

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi George Pace pprezentat fit-3 ta’ Novembru 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u l-verdett tal-gurija moghti billi tikkonferma l-istess verdett u sentenza fejn huwa ma nstabx hati tat-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u tirrevoka l-verdett tal-gurija u s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fejn gie misjub hati ta’ l-Ewwel u t-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u fejn gie kkundannat piena ta’ tletin sena prigunerija u gie kkundannat ihallas sitt mija u wiehed u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€681.34c), ossia terz ta’ l-ispejjez peritali, u minflok tilliberah minn kull htija u piena u. okkorrendo, tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (2) li fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri nferixxa dubju serju dwar il-veracita` o meno ta’ dak li xehed l-appellant dwar f’liema mument irrejalizza li ser jigi kommess omicidju; (3) li, dwar it-Tieni Kap, ma jirrizultax li kellu fuqu xi arma tan-nar; (4) li ghal dik li hi piena l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi peress illi ma setghetx tikkundannah ghal piena ta’ aktar minn ghoxrin sena prigunerija u, minghajr pregudizzju, li l-piena hi eccessiva u mhux idoneja.

**7.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju li jirrigwarda l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Skond l-appellant, waqt l-indirizz tieghu l-Imhallef ta x’jifhem lill-gurati li mhuwiex probabbli li l-istess appellant ma setax ifixkel il-kommissjoni tad-delitt ta’ omicidju. Jghid li l-Imhallef inferixxa dubju serju dwar il-veracita` o meno dwar dak li huwa qal meta spjega f’liema mument irrejalizza li ser jigi kommess l-omicidju. Din, jghid l-appellant, kienet l-iktar parti delikata mix-xiehda tieghu u l-qofol ta’ kollox. Ghalhekk “ma kienx ghaqli u prudenti ghall-Imhallef li jenfasizza l-opinjoni tieghu koncernanti dan il-punt daqstant imperattiv.” L-appellant ihoss illi l-opinjoni ta’ l-Imhallef kif espressa lill-gurati setghet tincidi serjament fuq il-gudizzju tal-gurati. Bhala l-imhallfin tal-fatt il-gurati m’ghandhomx jigu indebitament influwenzati mill-

Imhallef sedenti. “Illi l-Imhallef sedenti ukoll b’mod sottili pero` b’mod skjett ghall-ahhar”, ikompli l-appellant, “irrileva l-opinjoni tieghu dwar il-kwistjoni ta’ meta l-imputat xehed dwar kif prova jisfratta s-serqa. L-Imhallef xehet dubji gravi dwar it-tentattiv tal-appellant. Dan spjega li kieku l-appellant vera ried jisfratta kollox seta’ facilment harab bil-karozza u sejjah ghall-ghajjut.” Din il-kwistjoni kienet apprezzament ta’ fatt u kien jispetta solament lill-gurati jaghtu l-apprezzament taghhom fuqha, u ma kienx jispetta lill-Imhallef sedenti jinfluwenzahom f’tali gudizzju.

**8.** Fin-nota tieghu tat-2 ta’ Marzu 2011 l-appellant jippuntwalizza illi meta xehed huwa qal li nduna li l-vittma ser tinqatel fl-ahhar ftit sekondi u ghalhekk ma seta’ jaghmel xejn, la jahrab u lanqas jimpedixxi d-delitt. Jirreferi b’mod specifiku ghal brani li jinsabu f’pagni 58 u 59 ta’ l-indirizz traskritt fejn, skond l-appellant, l-Imhallef jitfa’ dubji serji dwar dak li xehed l-imputat u fi ftit kliem jghid li kien hemm tigbid u spjegazzjonijiet u verzjonijiet differenti. L-Imhallef imbaghad jghid: “Imma hemmhekk hemm naqra ta’, wiehed irid jara x’inhi l-verita` hemm.” L-appellant jghid li dan seta’ jinfluwenza lill-gurati meta fil-verita` huwa qatt ma biddel verzjonijiet. L-appellant ikompli jissottometti illi l-Imhallef arbitrarjament ikkonkluda li ghax f’mument minnhom ftit minuti qabel l-akkadut ried jisfratta kollox billi semma n-namrati, kien allura f’dak il-mument bilfors li sar jaf li kienet ser tinqatel il-vittma. Izda fil-verita` hu ried jisfratta s-serqa ghax dik kien jaf biha minn hafna qabel. Imbaghad l-Imhallef sedenti, peress li kkonkluda li l-appellant sar jaf li ser tinqatel il-vittma meta semma n-namrati, jghid lill-gurati li dan seta’ fixkel u jisfratta l-qtil u spjega kif seta’ jimpedixxi l-incident. Addirittura jghid: “Seta’ jimpediha arawha intom.” Dawn l-erba’ kelmiet, isostni l-appellant, eliminaw ghal kollox id-difiza tieghu.

**9.** Issa, fit-termini ta’ l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta’ l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta’ l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta’ akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f’dak il-kaz partikolari jkollu x’jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u

l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

**10.** Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli.

**11.** Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, <u>l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu</u> sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Fil-kaz in ezami l-appellant, permezz tan-nota tieghu msemmija, identifika zewg sentenzi partikolari u xi brani fil-pagni 58 u 59 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz li indika b'*highlighter*. Effettivament din il-Qorti ezaminat l-indirizz fit-totalita` tieghu u mhux biss ghall-partijiet indikati mill-appellant.

**12.** F'dan il-punt sejra tigi ccitata parti aktar estensiva ta' l-indirizz minn dik li l-appellant silet xi partijiet minnha. Din tirreferi ghal konsiderazzjonijiet li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta kien qieghed jittratta l-paragrafu (c) ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

"Mela qalilna iva, kien hemm mument meta rrejalizza u mbaghad bdiet il-kwistjoni jekk irrejalizzax kif hargu mill-karozza jew ftit wara li hargu mill-karozza u dan kien tmien piedi 'l boghod minnu ghadu ser jibda miexi, u qallu isma' hawn in-namrati hawn, hawn karozza bajda ma mmorrux, jigifieri tliet mitt metru boghod minn fejn sar id-delitt dawn. Imbaghad qalilna le ftit sekondi qabel it-tir, araw intom hemmhekk issa mbaghad kif xehed hawn liema verzjoni jew liema spjegazzjoni taccettaw, dik kwistjoni ta' fatt. Pero` hemmhekk kien hemm naqra ta'

tigbid. Issa jew ghax ma fehemx id-domandi, jew ghax ma jafx jirrispondi, jew ghax kif qal l-avukat tieghu l-intelligenza baxxa jew ghax ma riedx ihallas dwana kif qal il-prosekutur, dik issa intom tiddeciedu. Pero` kien hemm, ma tistax tghid li ma kienx hemm, spjegazzjonijiet differenti ha nghidilhom hekk biex ma nghidx verzjonijiet differenti. Seta’ kien ghax ma fehemx id-domandi, veru, seta’ kien ghax ghajjien, seta’ kien ghax ghandu sittin jew kemm ghandu jew tmienja u hamsin, insomma l-intelligenza tieghu forsi mhix gholja, ma nafx. Imma hemmhekk hemm naqra ta’ … wiehed irid jara insomma x’inhi l-verita` hemm.

“Mela nduna, qed jghid hu, f’xi hin intebah li hemm il-periklu u li x’aktarx ser joqtluh jew iweggghuh jew jisparawlu. Tant illi qal illi qalilhom isma’ hawn il-karozza hawn, ieqfu jew erhulu u ma nkomplux. U l-avukat tieghu qed jghid mela b’dik huwa ghamel mossa intelligenti li qalilhom li hemm il-karozza biex dawk b’xi mod jibzghu u jdawru denbhom u jabortu dak li kien ser isir. Din it-tezi tad-difiza u wiehed irid jara x’piz jaghtiha, *again* jekk twassalkom sal-grad tal-probabbli taccettawha allura accettabbli m’hemmx argumenti u tghidu iva dana veru nduna pero` pprova jimpedih, ma setax jaghmel iktar.

“Il-prosekuzzjoni mhux hekk qed tghidilkom. Qed tghidilkom *number one* dana jekk induna meta kienu ghadhom fejn il-karozza kif beda donnu biex qal fil-bidu, hekk fhimtu jien ghallinqas, ma nafx x’fhimtu intom, imma insomma issa araw il-fatti, ix-xiehda jekk hemm bzonn u kollox, kellu mhux hin jipprova jisfrattaha din ghax hemm passiggata twila hames minuti minn hemm sal-kamra. Issa kif seta’ dan jimpediha? Seta’ jimpediha, araw intom. Seta’ jaqbad argument ma’ dak li ma kkalkulahx per ezempju u jghidlu ara daqsxejn nieqfu ghax ma rridx inkompli jien, ecc. ecc. Jghidli imma bzajt li jaghti tir lili. Ok jekk kien daqshekk perikoluz dan Sant forsi veru seta’ jtih it-tir, araw setax jaghmel xi haga ohra, jirtira naqra jew kif kien fil-karozza jsuq, jitla’ fit-triq per ezempju jibda jghajjat kemm ghandu gargi lill-iehor, Karm, hawn x’jismu, x’jismu l-mejjet, Zaren dabbar rasek ghax ser joqtluk per ezempju u jiftah gargi kemm jghajjat f’dik il-hemda kien jisimghu

Zaren probabbilment jekk mhux certament kien jisimghu. Ara jigifieri setax jaghmel xi haga ohra minn dak li ghamel dan. Kieku tela' fit-triq Karmnu ma kienx ikun hemm bl-azzarin ma' genbu u seta' forsi jaghmel xi haga ohra. Dawn affarijiet ta' fatt li tridu tarawhom. U seta' kien illi b'li ghamel intom thossu li hu sodisfatt li ghamel bizzejjed. *This is a question of fact*.

"Imma araw naqra x'intervall ta' hin kien hemm, jekk veru nduna meta nduna, dak il-hin meta kienu ghadhom hergin mill-karozza u l-iehor ghaxar passi, tmien, ma nafx kemm qalilna, tmien piedi, ghaxar pieid quddiemu, pero` njorah u baqa' sejjer. Imma inti skuzi qieghed fil-karozza, tista' tohrog minn hemm titlaq tibda tghajjat, araw ghamilx xi haga li kellu jaghmel iktar milli forsi ghamel. Ghamel li kellu jaghmel biex jimpedieh la darba hu stess qed jghid li fehem illi s-senter ser jintuza issa mhux biex inaddfu d-dura bih jew biex jisparaw ghal gamiema? Ghax s'hemmhekk jasal biex jaccetta hu, imma l-kwistjoni tal-hin hemm caqlieq. Imbaghad baqa' jsegwihom, m'ghamel xejn jigifieri ta' ghajjat u hekk, baqa' jsegwihom, mexa dak it-tul kollu *and he went along*. Issa fejn kien meta ser jinghata t-tir? Anki hawn issa hu jghid li nduna li ser joqtlu meta rah hemmhekk ser jaqbad jigbed il-grillu. Kemm kien boghod, jekk kienx pass, jekk kienx tliet passi, jekk kienx minn hemm sal-kaxex? Bl-ezatt forsi ma nafux imma *again* dak il-hin seta' forsi jaghmel intervent iehor dan biex jghidlu ieqfu ma nkomplux ghax jew Karm tbaxxa jew Karm idhol wara l-kamra, hawn Zaren idhol wara l-kamra. Isib mument forsi fejn jista' dak li jizgicca u jghidlu zgicca Zaren? Heqq, araw kienx hemm il-hin li jsir dan ghax jekk ma kienx hemm hin u dan f'hakka t'ghajn l-iehor fettillu jaghtih it-tir u dan ma seta' jaghmel xejn ghax hasad anke lill-akkuzat allura l-akkuzat ma jkollux tort hemm u ma tistghux issibuh hati ta' komplicita` fil-qtil, kien ikun hati ta' komplicita` ta' tentattiv ta' serq imma hawn ma akkuzawhx b'hekk. Mela allura xejn. Jigifieri hawn issa l-kwistjoni ta' fatt.

"Mela jekk intom ma tkunux konvinti mit-tezi tal-prosekuzzjoni illi l-ftehim li joqtluh kien minn qabel, u allura ma tidholx il-kwistjoni mbaghad ta' min zied u

naqqas id-doza ghax jekk il-ftehim kien minn qabel jaqa’ taht il-45(b). Kien jaf minn qabel, kien jaf minn qabel. *Allright* ma sparahx hu l-grillu imma kien jaf minn qabel, 45(b). *No problem*. Il-45(c) iddahhalna mbaghad fil-problema ta’ fatt jekk ahna ma ahniex konvinti li kien jaf minn qabel x’ser isir sal-grad tac-certezza morali anzi nghidu li probabbli ma kienx jaf minn qabel imma mbaghad meta sar jaf, x’hin sar jaf? Fejn sar jaf? fejn kienu l-partijiet meta sar jaf u rrejalizza? Seta’ jaghmel xi haga? X’seta’ jaghmel? B’li ghamel jekk ghamel dak li qed jghid li ghamel bizzejjed biex jissodisfa l-ligi li mpedieh? U jekk ma ghamilx dak li kellu jaghmel? Allura mbaghad jigi komplici. Dik hija bazikament l-*exercise* mentali u d-domandi li tridu ssaqsu lilkom infuskom. Tinsewx li biex tiehdu t-tezi tal-prosekuzzjoni tridu tkunu konvinti minghajr dubju dettat mir-raguni; biex taccettaw it-tezi tad-difiza, bizzejjed li tikkonvincikom li dak li qed tghid hi jew qed tipprospettalkom hi taccettawh sal-grad tal-probabbli, li x’aktarx iva mill ile gara hekk. Pero` l-kwistjoni ta’ fatt tridu tirrizolvuha intom.”

**13.** Minn ezami kemm tal-parti ta’ l-indirizz appena citata kif ukoll ta’ l-indirizz kollu huwa evidenti lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti ma eskludiet bl-ebda mod il-liberta` ta’ razocinju tal-gurati. Tul l-indirizz enfasizzat diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti u li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti. Jigifieri l-ewwel Qorti kienet cara mill-bidu nett fl-ispjegazzjonijiet taghha lill-gurati dwar x’kienet il-funzjoni taghhom. Tul l-indirizz ukoll, bhal fil-parti appena citata, l-ewwel Qorti ghamlet ampja referenza ghall-argumenti kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza. Il-parti appena citata huwa ezempju car ta’ kif l-ewwel Qorti ghamlet dak li setghet sabiex tqieghed lill-gurati fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu l-funzjoni taghhom skont il-ligi, u dan minghajr ma uzurpat dik il-funzjoni. Din il-Qorti semghet ukoll ir-registrazzjoni tat-*tape* tal-parti suriportata u fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal “Seta’ jimpediha, arawha intom”, l-inflessjoni fil-kliem “Seta’ jimpedihom” u pawza qasira mmedjatament wara turi li donnu kien se jkompli s-sentenza b’xi ezempju izda minflok qal “arawha

intom" imbaghad ta ezempju immedjatament wara. Inoltre m'hemm xejn hazin f'li jigu puntwalizzati xi inkonsistenzi jew varjazzjonijiet fix-xiehda li tkun inghatat minn kwalunkwe xhud, mhux lanqas l-akkuzat.

**14.** Din il-Qorti tfakkar ukoll dak li jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[1]**:**

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

U bhalma qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[2]:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury**

[1] para. D15.16, p.1448.
[2] p. 464 para. 4-376.

**such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence.”**

**15.** Din il-Qorti ma tarax li l-kummenti li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri jistghu jitqiesu bhala **“robust comments”**, u lanqas ma jista’ jigi kkritikat ghax seta’ indika xi **“inconsistencies and illogicalities”**. Imbaghad dawn il-kummenti jridu jitqiesu li ntqalu fid-dawl ta’ l-avvertimenti kontinwi li saru lill-gurati tul il-perkors ta’ l-indirizz, u ghalhekk, mehud ukoll il-kuntest li fih ghamilhom u konsiderando l-brani appena citati, kienu parti mill-process kollu uzat mill-Imhallef li ppresjeda l-guri biex jassisti lill-gurati **“to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence”**. Ghaldaqstant it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**16.** Sejjer issa jigi kkunsidrat l-ewwel aggravju li permezz tieghu l-appellant isostni li l-gurati ma setghux ragjonevolment isibu htija fil-konfront tieghu. Fl-ewwel lok jghid li mill-provi ma jirrizultax il-prekoncert bejn l-awtur tar-reat u l-istess appellant. B’referenza ghall-artikolu 42(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid li minn imkien ma rrizulta almenu sal-grad tal-prova rikjesta mil-ligi li kien hu li kien ta l-arma lill-awtur u wisq anqas li kien jaf li kellha

tintuza din l-arma specifikament bl-intenzjoni komuni li tinqatel il-vittma. Imbaghad b'referenza ghall-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li dan il-paragrafu huwa l-qofol ta' kollox u mill-provi ma jirrizultax li jista' jitqies komplici fl-ambitu ta' dak il-paragrafu. L-appellant josserva illi sabiex jissussisti r-reat ta' komplicita` ta' l-omicidju volontarju, irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni li huwa kien konsapevoli u akkwijexxenti ghall-fatt li mhux biss kellu jsir is-serq imma li l-*modus operandi* ta' dik is-serqa kellha tinkludi l-qtil tad-derubat – il-prekoncert hu rikjest *sine qua non* u jrid jigi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-prosekuzzjoni.

**17.** Skont l-appellant, l-unici provi utili prodotti mill-prosekuzzjoni huma t-tliet *statements* li rrilaxxja waqt l-investigazzjoni. Imbaghad hemm id-deposizzjoni tieghu waqt il-guri. Isostni li m'hemm xejn konfliggenti fl-istqarrijiet tieghu. Filwaqt li jghid li hu minnu li fuq xi dettalji zghar hemm xi disgwid zghir u f'xi stqarrijiet u d-deposizzjoni tieghu seta' zied xi dettalji ulterjuri, izda dan huwa normali u kieku ma kienx hekk kien jindika li kien tghallem bl-amment dak li ghandu jghid. Jinsisti li l-esperjenza turina li huwa kwazi impossibbli li persuna tirrepeti dak kollu li tkun qalet precedententement, u dan hu aktar minnu meta wiehed iqis ic-cirkostanzi specjali tieghu. Ikompli jissottometti:

"Illi minn ezami ta' l-istqarrijiet wiehed jirrejalizza li l-istess appellant huwa persuna ta' intelligenza baxxa. In effetti dan la kien kapaci jghid id-data ta' meta twieled, la kapaci jindika l-indirizz tieghu u li lanqas jiftakar in-numru tal-karta ta' l-identita` tieghu fost affarijiet ohra.

"Illi meta mbaghad iddepona quddiem il-Qorti l-gurati setghu jikkonfermaw mill-komportament ta' l-akkuzat il-livell ta' intelligenza tieghu u l-fatt li jirrizulta li attwalment dan huwa bniedem b'hafna limitazzjonijiet.

"Illi ghandu jinghad ukoll li meta wiehed janalizza sew l-istqarrijiet specjalment dawk mehuda fid-Depot tal-Pulizija, li d-domandi li saru lill-akkuzat saru b'mod erratiku u mhux b'mod kronologiku.

“Illi madanakollu pero` ghad li l-appellant mill-bidu nett ammetta l-koinvolviment tieghu fis-serqa, innega peristentement li huwa b’xi mod kien jaf li Nazzareno Ebejer kellu attwalment jigi maqtul. Din id-domanda saritlu b’mod ezawrjenti matul l-investigazzjonijiet kollha li saru, pero` huwa dejjem cahad l-involviment tieghu fl-omicidju volontarju.”

**18.** L-appellant jghid li hemm cirkostanzi ohra li ghandhom ikomplu isahhu t-tezi tad-difiza li ma kien hemm l-ebda preconcert ghal dak li jikkoncerna d-delitt ta’ l-omicidju volontarju:

“Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat li mix-xiehda ta’ l-Assistent Kummissarju Pierre Calleja u dik ta’ certa Pawla Micallef [jirrizulta] li s-senter tabilhaqq kien jappartjeni lil Carmelo Sant….

“Illi rrizulta wkoll mill-provi, senjatament mill-i*statement* li rrilaxxa l-appellant fit-2 ta’ Settembru 2004 a folio 84 tal-process li l-mejjet Nazzareno Ebejer attwalment kien mal-malviventi meta dawn marru fejn ir-residenza ta’ Carmelo Sant minn fejn dan Sant gab l-ixkora bis-senter.

“Illi ghalhekk mhix haga bi kbira dak li jsostni l-appellant li huwa ma ndunax mal-ewwel li f’dik l-ixkora kien hemm is-senter. Fil-fatt dan jghid li l-*luggage booth* ma jissakkarx u li dan Sant qabad u tefa l-ixkora fil-*luggage booth* minghajr ma dak il-mument qal xejn dwar is-senter.

“Illi ta’ importanza kbira huwa l-fatt li mill-istqarrijiet, specjalment l-istqarrija mehuda fil-5 ta’ Settembru 2004 a folio 48 tal-process irrizulta illi meta l-malviventi kienu sejrin l-Ahrax tal-Mellieha l-akkuzat dehrlu li kellu jieqaf u jaghti *lift* lil zewg persuni. Dan fil-fatt waqqafhom hdejn l-istatwa tal-Madonna tad-Duluri hdejn l-Ahrax tal-Mellieha.

“Illi d-difiza waqt il-guri ssollevat akkanitament dan il-punt u spjegat li ma kienx normali li min ikun sejjer jikkommetti delitt daqstant gravi li jaghti *lift* lil zewg persuni ftit hin qabel u fl-istess vicinanzi.

"Illi inoltre jirrizulta wkoll li l-malviventi waqfu jiehdu xi haga x'jieklu fl-intorni tal-kamrin fejn ftit minuti wara giwe kommess id-delitt. Hawn ukoll id-difiza kellha l-okkazjoni tirrimarka waqt il-guri li dan il-fatt ikompli jindika li huwa probabbli li almenu sa dak il-hin ma kienx hemm xi pjan specifiku sabiex jinqatel Nazzareno Ebejer.

"Illi in effetti dan l-incident ikompli jsahhah il-verzjoni ta' l-appellant u t-tezi tad-difiza li fil-verita` ma kien hemm l-ebda pjan skjett ta' kif kellha ssir is-serqa u li attwalment kollox beda jevolvi ruhu fil-mument u li finalment id-decizjoni li jinqatel Nazzareno Ebejer hadha b'mod *impromptu* l-awtur tad-delitt Carmelo Sant.

"Illi l-prosekuzzjoni ssottomettiet illi l-intenzjoni specifika omicida tista' tigi inferita mill-fatt li l-mejjet kien habib ta' l-istess malviventi u li ghalhekk kieku serquh u ma qatluhx kien jaghrafhom.

"Illi pero` f'dan ir-rigward waqt ix-xiehda orali tieghu l-appellant ta spjegazzjoni. Dan fil-fatt spjega li huwa ma tantx ta wisq hsieb ta' kif kien ser jigi kommess id-delitt ta' serq u rraguna li lid-derubat kienu ser jidhku ftit bih u li jekk ikollu xi flus jehduhomlu. Spjega wkoll li mbaghad jekk dan imur jikxifhom dawn igiddbuh.

"Illi mbaghad hemm fattur iehor li jkompli juri kif il-verzjoni moghtija mill-appellant hija veritjera. Naraw kif fuq l-imputat ma kienx hemm qatra demm. Dan il-fatt jiddistakka lill-imputat minn certu distanza lilhinn minn fejn saret l-isparatura u dan peress li kieku kien mod iehor zgur li kien jiccappas bid-demm.

"Illi in effetti mix-xiehda ta' John Ellul u r-ritratti relattivi esebiti ghandna ideja ta' fejn kien l-imputat fil-mument li saret l-isparatura. Distanza konsiderevoli. Irrizulta wkoll li l-isparatura saret gewwa dik il-kamra zghira li ghandha entratura dejqa hafna.

"Illi mbaghad waqt l-access gie konstatat li hemm distanza gmielha minn fejn giet ipparkjata l-karozza sal-kamrin."

**19.** L-appellant imbaghad jaghmel referenza ghall-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi:

**“Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f’delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -**

**(*a*) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(*b*) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**
**(*c*) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista’ timpedih, hallietu jsir.”**

**20.** Dwar l-ewwel ipotezi l-appellant jghid li ftit hemm x’jinghad peress illi huwa gie misjub hati ta’ komplicita`. Dwar it-tieni ipotezi jghid li minn imkien ma jirrizulta li huwa kien ftiehem ma’ l-awtur sabiex isir id-delitt ta’ omicidju volontarju u li kien jaf x’ser jigri, dan anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kif gie addirittura ammess minnu, li f’xi hin sar konxju tal-prezenza tas-senter. Skont l-appellant, il-fatt li kien hemm senter prezenti ma jfissirx li b’daqshekk kien jaf li dan kien ser jintuza sabiex jinqatel Ebejer. Dwar it-tielet ipotezi, in vista tal-fatt li waqt ix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ikkonceda li rrejalizza li Ebejer kien ser jinqatel, jissottometti:

“Illi pero` mill-istess xiehda jirrizulta li dan irrejalizza biss ftit sekondi qabel ma saret l-isparatura u ghalhekk kien fl-impossibilita` li jimpedixxi d-delitt.

“Illi pero` ghandu jinghad ukoll li f’mument minnhom ghad li f’dak l-istadju kien ghadu ma jafx li ser isir l-omicidju rega’ kellu ripensament ghal dak li jikkoncerna s-serq u pprova jisfratta kollox.

“Illi hawn issir referenza ghax-xiehda li l-appellant ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta’ Settembru 2004 a folio 223 tal-process.

“Illi hawn l-appellant jghid: ‘Jien dak il-hin ghidt lilu u lill-Fish ghax kien hemm karozza bin-namrati. Ghidtilhom hawn in-nies, ghidtilhom erhulu jien.’

“Illi hawn jirrizulta li fil-mument li kienu qed jipparkjaw il-karozza l-appellant ipprova jisfratta s-serqa billi jbezzaghhom bil-prezenza tan-nies.

“Illi mill-assjem tal-provi jista’ jigi dedott li attwalment mhux veru li kien hemm in-nies prezenti ghax kieku zgur li Carmelo Sant ma kienx ser jispara f’wicc kulhadd.

“Illi huwa gust li wiehed jinferixxi li fil-probabbilta` din tal-prezenza tan-nies kienet skuza li hareg biha l-imputat sabiex jisfratta kollox.

“Illi minn dan kollu ghalhekk id-difiza ssostni li l-appellant mhuwiex hati tad-delitt ta’ komplicita` fl-omicidju volontarju.”

**21.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[3]. In ezekuzzjoni ta’ din il-

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha migjuba.

**22.** Issa, l-appellant jghid li huwa ta' intelligenza baxxa ghax mill-istqarrijiet jirrizulta li la kien kapaci jaghti d-data tat-twelid tieghu, la l-indirizz tieghu u lanqas in-numru tal-karta ta' identita` tieghu, fost affarijiet ohra. Minn ezami ta' l-istqarrijiet tieghu jirrizulta illi huwa minnu illi l-appellant ma setax jiftakar id-data tat-twelid tieghu u n-numru tal-karta ta' l-identita`, izda kien jaf l-indirizz fejn kien joqghod. Oltre dan, huwa kien jaf il-partikolaritajiet l-ohra mistoqsijin lilu: isem missieru, isem ommu u anke kunjomha xebba, fejn twieled, kif ukoll in-numru tal-*mobile*. Persuna ma titqiesx li hija ta' intelligenza baxxa ghax ma tiftakarx id-data tat-twelid u n-numru tal-karta ta' l-identita`.

**23.** L-appellant jghid ukoll illi meta xehed quddiem l-ewwel Qorti l-gurati setghu jikkonfermaw mill-komportament tieghu l-livell ta' intelligenza tieghu u l-fatt li jirrizulta li attwalment dan huwa bniedem b'hafna limitazzjonijiet. Izda l-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara access mizmum fuq il-post fejn sehh l-omicidju, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant

huwa hati bhala komplici tar-reati kontemplati fl-Ewwel Kap u fit-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza.

**24.** Imbaghad, skont l-appellant l-istqarrijiet u specjalment dawk li saru fid-Depot tal-Pulizija saru b'mod erratiku u mhux b'mod kronologiku. Din il-Qorti ezaminat dawn l-istqarrijiet u assolutament ma tistax taqbel ma' l-appellant. Fl-istqarrija tat-2 ta' Settembru 2004, permezz ta' sensiela ta' mistoqsijiet, l-appellant jirrakkonta l-avvenimenti li dwarhom eventwalment ittiehdu proceduri kontra tieghu b'mod kronologiku u, bhalma mistenni, isiru mistoqsijiet biex jigu ccarati dettalji, kemm waqt li qed jigu rrakkontati l-avvenimenti u anke wara li l-istorja tkun intqalet. L-istess jista' jinghad ghax-xiehda li l-appellant ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Settembru 2004. Kwantu mbaghad ghall-istqarrija tal-5 ta' Settembru 2004, din saret biex il-Pulizija jippruvaw jiccaraw x'tip ta' ftehim kien hemm qabel il-fatt, biex isaqsuh jiftakarx jekk kienx rikkeb tnejn min-nies huma u telghin lejn l-Armier (punt li ma kienx semma qabel), u xi dettalji ohra – xejn, fil-fatt, li jista' jitqies straordinarju f'investigazzjoni. Din il-Qorti jkollha tosserva li kemm fl-istqarrijiet kif ukoll fix-xiehda quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-appellant jidher li wiegeb il-mistoqsijiet kollha bla tlaqliq u minghajr sinjal li kien konfuz minhabba l-mod kif kienu qeghdin isiru.

**25.** Il-gurati, kif inghad, sabu lill-appellant hati ta' l-Ewwel Kap u tat-Tieni Kap bhala komplici. Fil-fehma ta' din il-Qorti huma setghu sabuh komplici a tenur tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta, u cioe` li b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat. M'hemm l-ebda dubju li l-malviventi kienu ftehmu li jisirqu lill-vittma u li ghal dan l-iskop kellhom jehduh jiekol xi haga mbaghad iwettqu l-pjan taghhom fl-inhawi maghrufin bhala l-Ahrax tal-Mellieha. L-appellant jinsisti li ma kienx parti mill-ftehim li Nazzareno Ebejer kellu jinqatel. Issa, l-karozza li ntuzat kienet proprju dik ta' l-appellant u kien hu li saqha u anke wassal lil kulhadd sa l-Ahrax tal-Mellieha. Skont l-appellant kien dak il-hin biss li nduna li Carmelo Sant kellu senter. Jghid li hu pprova jwaqqaf kollox billi nforma lill-

korrei l-ohra li kien hemm in-namrati, izda dawn baqghu mixjin lejn il-kamra fejn sehh id-delitt. Jirrizulta li hu ma ghamel xejn aktar u li baqa’ miexi warajhom. Fix-xiehda tieghu jikkoncedi li rrejalizza li kien ser jinqatel Nazzareno Ebejer ftit sekondi biss qabel u ghalhekk kien impossibbli ghalih li jimpedixxi d-delitt. Jirreferi ghal dak li jipprovdi l-artikolu 45(c) li fejn att jaghmel id-delitt aktar gravi, dak ikun imputabbli lill-persuna li, ghad li kienet taf  bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista’ timpedih, hallietu jsir.

**26.** In materja ta’ komplicita`, pero`, tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[4]:

**“... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, he will be co-responsible for the theft aggravated by ‘violence’ if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[5] puts the rule in the following words: *‘Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita` del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita` la quale e` inerente alle qualita` ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi` qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita` connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita` medesime.’***

**“....**

4 Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.
5 Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**"... when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**

**"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**

**"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means (*'eccesso nei mezzi'*) and excess in the purpose (*'eccesso nel fine'*). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means used are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result.[6]**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated**

[6] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.

**and even to those who, becoming aware of the aggravting act at the time of its perpretration, and being able to prevent it, did not do so.”**

**27.** Fil-kaz in ezami l-appellant kien jaf li kienu sejrin jisirqu lil Nazzareno Ebejer u anke li wiehed minn shabu kien armat. Dan jista’ jinghad ghax mix-xiehda tieghu stess jirrizultaw dawn ic-cirkostanzi: il-ftehim biex jinsteraq Nazzareno Ebejer sar xi jiem qabel; huma u sejrin lejn l-Armier waqfu d-dar ta’ Carmelo Sant u dan gab xkora li, meta l-appellant saqsieh x’fiha, qallu li kien fiha senter biex jekk jara xi gamiema jispara giex tiri; meta kienu qeghdin jieklu, Mikiel Vella kkonferma l-ftehim, cioe` li jisirqu lil Ebejer; meta waslu l-Ahrax tal-Mellieha u nizlu, Carmelo Sant ha l-ixkora mil-*luggage booth*. Ma jirrizultax li l-appellant b’xi mod oggezzjona ghas-senter, ghalkemm kien jaf li kien hemm il-ftehim li jisirqu lil Ebejer. Interessanti hawn il-varjazzjonijiet dwar f’liema punt sar jaf li Carmelo Sant kellu senter. Fl-istqarrija tat-2 ta’ Settembru 2004 jghid li meta Sant pogga l-ixkora fil-*booth* ma saqsiehx x’kienet. Fix-xiehda tieghu tat-3 ta’ Settembru 2004 jghid li ghaddew hdejn id-dar ta’ Sant u dan gab xkora; induna li kien hemm senter ghax Sant qallu li kellu senter meta kienu waslu l-Ahrax tal-Mellieha. Fix-xiehda tieghu waqt il-guri l-appellant jghid li meta Sant pogga l-ixkora fil-*luggage booth* u kienu qeghdin il-Mosta hdejn il-Mellows, saqsieh x’kellu fl-ixkora u Sant wiegbu li gab is-senter “forsi nara xi gamiema u nispara giex tiri.”

**28.** Fl-istqarrija tat-3 ta’ Settembru 2004 jghid li qalulu li s-senter kien ghall-kacca u biex inaddfu d-dura. Jghid illi huwa kien haseb li s-senter kien f’idejn Carmelo Sant biex jispara ghal xi gamiema u mhux biex jispara lil Ebejer. Mhuwiex wisq verosimili li gamiema tispara ghaliha fit-8.00 jew 8.30 ta’ filghaxija. U dura ma tnaddafhiex bis-senter izda b’ghodod adattati.

**29.** L-appellant fix-xiehda tieghu jghid li hin minnhom meta Nazzareno Ebejer kien diga` qabad il-moghdija u qabdu jidhlu ’l gewwa lejn il-kamra fejn sehh il-qtil, qal lil shabu biex “jerhulu” ghax kien hemm karozza bin-namrati, izda dawn webbsu rashom. Imbaghad jghid li dad-diskors qalu

lil Carmelo Sant ghax kienu diga` telqu Ebejer u Vella. Pero` jammetti li ma ghamel xejn aktar. L-appellant jghid li beda jibza' ghax qatt ma ghamel dawn l-affarijiet f'hajtu. Jekk verament l-appellant qal li kien hemm in-namrati, huwa evidenti, ghalkemm isostni li ghamel hekk biex jisfratta s-serqa, illi kien qieghed jipprevedi r-riskju nvolut. Jghid li beza' jitlaq jigri ghax Sant jilhqu bis-senter. Mela kien jaf li Sant kien kapaci jispara lejn bniedem. Pero` jghid ukoll illi hu nizel mill-karozza wara li dawwarha u Sant kien lehaq telaq – allura kif xorta beza' li jisparalu? Sahansitra, wara li dawwar u pparkja l-karozza, mexa warajhom distanza sostanzjali sakemm waslu ghall-kamra li fiha dahal Nazzareno Ebejer fejn Carmelo Sant sparalu mill-bieb. Issa, fl-istqarrija tieghu tat-2 ta' Settembru 2004 l-appellant jghid li hu u sejjer sema' t-tiri, izda mbaghad li sema' u ra lil Carmelo Sant jigbed is-senter. Fix-xiehda tieghu tat-3 ta' Settembru 2004 jghid li sema' t-tiri malli wasal vicin il-kamra izda jikkonferma li ra lil Sant jispara. Mix-xiehda tieghu waqt il-guri jindika li ma kienx f'pozizjoni li jara l-isparatura.

**30.** Fix-xiehda tieghu waqt il-guri qal li kif l-ohrajn lehqu telqu beda jahseb u jhewden li setghu kienu se jisparaw lil Ebejer. Imbaghad li ma bediex jaghti kaz ukoll. Izda jghid ukoll li ma setax iwaqqafhom ghax kienu qablu. Inkredibilment imbaghad jghid li meta sema' l-ewwel tir mar jigri biex jara x'tajra qabad Sant. Imbaghad li gieh f'mohhu ftit qabel ma qabad il-kamra "jigifeieri meta smajt it-tiri". Jigifieri l-appellant fix-xiehda tieghu jipprova jqarreb il-hin li fih induna li l-arma setghet tintuza fuq Ebejer sa kwazi kwazi l-mument li sehhet l-ewwel sparatura u kien ghadu lanqas wasal hdejn il-kamra. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-gurati setghu jqisu dan bhala mod konvenjenti hafna ta' kif jipprova jghid li ma setax jimpedixxi l-att milli jsehh.

**31.** Mhix haga insolita li f'serqa tintuza arma u mhux l-ewwel darba li waqt serqa nqatlet xi persuna minhabba li l-hallelin kienu armati. Dak li sehh kien "a natural and foreseeable consequence" tal-mezz uzat mill-hallelin. L-appellant ma ghamel xejn utili biex jimpedixxi l-att, ghad li kellu hin jaghmel dan. Sahansitra baqa' jsegwi lil shabu

sal-kamra fejn sehh il-qtil. U wara anke wassal lil Carmelo Sant u lil Mikiel Vella lura Birkirkara.

**32.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, il-gurati setghu ghalhekk legalment u ragjonevolment isibu lill-appellant hati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza bhala komplici. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

**33.** Kwantu ghat-tielet aggravju, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li mill-provi ma jirrizultax illi l-appellant f'xi hin kellu l-arma fuqu. Mill-banda l-ohra ma jistax jitqies li ma kienx komplici fir-reat kontemplat fit-Tieni Kap ma' min fizikament kellu l-arma fuq il-persuna tieghu. Kien hu li ppresta l-assistenza tieghu lill-awtur billi wasslu fuq il-post tad-delitt, baqa' mieghu u wasslu lura. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud ukoll.

**34.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jirreferi ghall-artikolu 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jirrileva illi qabel ma dan l-artikolu gie emendat fl-1996 permezz ta' l-Att XVII kien hemm biss tlettax-il skaletta ta' ta' prigunerija ghall-ghomor. Fl-1996 zdiedet skaletta ohra biex l-inzul mill-piena ta' prigunerija ghall-ghomor issa hi ta' prigunerija minn tmien snin sa tletin sena. Meta gie kommess id-delitt in dizamina fl-1989, l-oghla skala li ghaliha seta' jsir l-inzul mill-prigunerija ghall-ghomor kienet ta' prigunerija minn seba' snin sa ghoxrin sena. L-appellant isostni illi l-piena applikabbli ghall-appellant, stante li ghandha tigi applikata dik l-aktar favorevoli u stante li l-ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex tapplika l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, hi dik ta' prigunerija ghal mhux aktar minn ghoxrin sena. Imbaghad, minghajr pregudizzju ghal dan, il-piena kienet eccessiva u mhux idoneja, tenut kont tal-fatt li l-awtur tad-delitt li ghandu fedina penali ferm aktar refrattarja minn dik ta' l-appellant, gie kkundannat l-istess perijodu ta' prigunerija daqs l-appellant. Di piu`, isostni l-appellant, huwa gie lliberat mit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza filwaqt illi Carmelo Sant ammetta t-Tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuza.

**35.** Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti qieset "illi skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, il-komplici f'delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur u skond l-artikolu 492(2) tal-istess Kodici l-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax-il (12) sena minflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor jekk fid-dikjarazzjoni ta' fatt li ghalih hemm stabilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor – kif inhu f'dan il-kaz – il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi." Meta sehh l-omicidju mertu tal-kaz, l-artikolu 492 kien jikkonsisti biss f'artikolu wiehed li llum huwa l-artikolu 492(2).

**36.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 31 ma japplika xejn ghall-fattispecje ta' dan il-kaz. Dak l-artikolu hu applikabbli biss fl-eventwalita` li l-Qorti tkun mehtiega mil-ligi li tirrikorri, kif jghid l-istess artikolu, ghal "it-tlugh jew l-inzul minn grad ta' piena ghal grad iehor." Dan qatt ma kien il-kaz hawn. L-artikolu 492 (illum 492(2)) kien u ghadu jiddisponi l-istess: fejn il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi, il-Qorti tkun tista' taghti piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il sena. Dan ifisser li l-parametri tal-piena huma minn minimu ta' tnax-il sena sa massimu ta' ghomor. Fejn il-legislatur ried jipprovdi parametri differenti, ipprovda mod iehor. Hekk, fil-kaz ta' ammissjoni qabel ma jigi ffurmat il-guri, il-Qorti tista', minflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, taghti piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.[7]

**37.** L-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt illi gie kkundannat l-istess piena daqs l-awtur tad-delitt. Din il-Qorti tqis dan l-ilment bhala wiehed fieragh peress illi l-ligi stess tipprovdi[8]: **"Barra minn meta l-ligi tghid xort'ohra, il-komplici f'delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur."** Fil-kaz tad-delitti kontemplati fl-Ewwel Kap u fit-tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza l-ligi ma tghidx xort'ohra. U, konsiderando l-mod "kiesah u biered" kif inqatel Nazzareno Ebejer, kienet mehtiega piena adegwatament severa.

[7] Artikolu 492(1) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Artikolu 43 *ibidem*.

**38.** L-appellant, pero`, jissotolineja li l-awtur gie kkundannat tletin sena fuq ammissjoni tat-tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuza filwaqt illi l-appellant gie lliberat mit-Tielet Kap. Izda, daqs kemm hi konsiderazzjoni relevanti ghal finijiet ta' piena l-fatt li l-appellant gie lliberat mit-Tielet Kap daqstant hi wkoll relevanti c-cirkostanza li l-awtur stqarr htijietu quddiemu is-socjeta' fl-istadju inizjali tal-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u ghalhekk, in vista tal-fatt li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija wahda fil-parametri tal-ligi din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghanda tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward. Ghal dawn il-motivi.

**39.** Tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------